# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru sebgħa u ħamsin 57, tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 25 ta' April, 2016, fis-6.29pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻATI: | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taz-Zghazagh |

1. Is-seduta bdiet nofs siegħa tard għax is-Sindku inqabdet f'laqgħa oħra.

2. Is-Sindku, Charlene Zammit ippresediet is-seduta u qalet it-talba.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu ġew mibgħuta lill-kunsillieri mal-Agenda mis-SE, kienu moqrija punt punt mis-SE, ġew korretti mill-kunsillieri, kienu approvati u ffirmati.

   Punti mill-Minuti

4. Charlene Zammit reġgħet qajmet il-każ meta l-kuntrattur tal-KLM kien qal li ma jistax jidentifika minn fejn ġiet il-ħsara fuq il-lanterna tad-dawl ta' Triq il-Mitħna f'Awwissu 2015. F'dan is-sit kienu nħarqu xi affarijiet ta' terzi persuni li lanqas il-Korporazzjoni *Enemalta* ma refgħu r-responsabbilta' tagħhom. Hija qalet illi fiċ-ċirkustanzi, l-aħjar ħaġa hi, li nitolbu laqgħa mal-Korporazzjoni *Enemalta.*

5. Se noħorġu l-*poster* biex jirreklama l-attivita' soċjali li jmiss, jigifieri l-*Afternoon Tea*. Dak li kien ippublikat fil-fuljett tal-KLM fil-ħarġa preċedenti, għad trid tinbidillu d-data. Kien deċiż illi f'dan l-*Afternoon Tea* ikun hemm is-*sandwiches* u l-pasti. Qam ukoll il-punt għal min ikun *gluten intolerant* biex ukoll naħsbu fih.

6. Kien ippreżentat ir-rapport bil-*feedback*, dwar dawk li kienu kkuntattjati biex issir *sleeping policeman* fi Triq Hal Kirkop, Triq Ganni Darmanin u Triq Xandru Farrugia. Kien deċiż illi napplikaw ma' *Transport Malta* biex issir waħda quddiem ir-residenza *Little Angels,* fi Triq Ħal Kirkop u oħra aktar 'l isfel minnha f'post li għad irid ikun identifikat.

7. Michel Farrugia kien imwissi biex ma jitlifx laqgħat tal-KLM wara li dan kien innotat mill-Awditur u l-KLM informa lill-Ministru dwar dan il-materja. Huwa qal li ċ-ċirkustanzi tax-xogħol tiegħu ġiegħluh ifalli xi laqgħat u issa ingħata sitt xhur ċans biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu.

8. Charlene Zammit talbet lis-SE sabiex is-seduta tal-Arbitraġġ li jmiss bejn il-KLM u *Schembri Barbros* tkun diferita peress li l-KLM għandu bżonn lis-SE anke biex jitla' bin-nies Għawdex dak in-nhar. Is-SE qal li hu kien diġa' kkonferma mal-avukat tal-KLM għax din ilha li kienet ġiet appuntata, madankollu se jara jekk dan hux possibbli.

9. Kienu diskussi l-inċidenti li ġraw fir-raħal meta darbtejn fuq xulxin tal-linja laqtu arblu tad-dawl dekorattiv fi Triq Karmenu Ciantar peress li dawn qed jużaw il-*bus stop* f'din iz-zona

bħala venda. Is-SE ġab ir-rapport mill-Għassa tal-Pulzija fejn l-individwu issa kien identifikat li hu xi ħadd minn Ħad Dingli li fl-istess rapport hemm miktub li dan se jagħmel tajjeb għal din il-ħsara. Fit-tieni ċirkustanza, Charlene Zammit qalet illi min laqtu hu mill-Imqabba u kellem lilha u nfurmaha li se jħallas għalih. Is-SE qal li fit-tieni inċidenza, peress li l-arblu waqa' totalment mal-art, l-ispejjeż huma kbar u jlaħqu l-elf ewro. Charlene Zammit qalet illi fit-tieni każ ħadd ma kien inqabad u dan is-sewwieq li kieku ma identifikax ruħu ma kienx jinqabad. Peress li kien raġel biżżejjed biex tkellem hu, il-KLM qed jikkunsidra illi jġiegħlu jħallas nofs l-ispejjeż u l-kumplament jitħallsu mill-fondi tal-KLM. Hawn intqal illi irridu nibgħatu reminder lil TM sabiex inġibuhom konxji mill-periklu tal-arblu tad-dawl li qed jintlaqat spiss viċin l-*istage* u l-ħtieġa illi l-venda tersaq issa fuq deċiżjoni ġdida tal-KLM, fi Triq il-Qrendi. Charlene Zammit talbet lis-SE sabiex isejjaħ laqgħa ma *Transport Malta* biex ikun ikkomunikat dan kollu.

10. Charlene Zammit qalet illi xi ħadd mir-residenti ta' Triq Valletta, jidher li kien ipparkjat fi Triq Ħal Qormi u qala' ċitazzjoni. Hija talbet lis-SE sabiex jagħtih estratt mill-minuti fejn dan l-isqaq kien diskuss fil-laqgħa tal-KLM. Intant il-laqgħa mar-residenti ta' Triq Valletta se ssir kif skedat fl-istess triq.

*11.* Charlene Zammit infurmat lill-kunsillieri illi hija kellha laqgħa mas-Sur Ray Zammit li qed imexxi l-LESA, u matulha tqajmu fost l-oħrajn il-problemi ta' linji sofor u bojod fit-toroq.

12. Intant il-KLM ikkundanna bla ebda riżerva l-agressjoni li saret fuq gwardjan lokali fir-raħal tagħna u li kienet ukoll fil-media. Il-KLM jiddikjara illi dejjem se jappoġġja lil ġustizzja. Dan seħħ wara li kienet ukoll qed tiġi ndirizzata l-problema ta' *overspeeding* propju fil-*By-Pass* tal-Imqabba.

13. Dwar il-laqgħa li għandha ssir mal-awtoritajiet u l-Perit tal-KLM, se niffissaw tliet dati fejn il-perit se jkollu ċans ilaqqagħna ma min hu responsabbli. Dan se jsir biex fost l-oħrajn tkun indirizzata l-problema tal-ilma tax-xita fi Triq San Mikiel, billi jitħaffru toqob oħrajn aktar 'il fuq minnha biex l-ilma jiskula fihom.

14. Dwar il-kaz tal-*expropriation* imsemmija fir-risposta tal-individwu li ħammilnielu l-plot tiegħu wara rapporti li kien hemm il-ħmieg fiha, is-Sindku qalet illi rridu naraw jekk hux vera hemm *expropriation* diġa'. Għaldaqstant se nibgħatu *reminder* lid-Dipartiment tal-Artijiet.

15. Issemmew ukoll it-toqob tan-nar tal-festi, fosthom dawk ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju. Għall-ideja illi l-KLM għandu jimlihom bil-*cold asphalt* biex iġibhom lixxi mat-triq, kien hemm reazzjoni imħalta. Dan għaliex is-Sindku qalet illi jekk se nirrangaw dawn it-toqob aħna, se ndaħħlu l-mentalita' illi jekk ma jaslux huma, ikollu jagħmilhom bil-fors il-KLM. Fuq suġġeriment li sar, se niltaqgħu mas-Soċjetajiet Mużikali nhar it-3 ta' Mejju, fis-6.30pm.

16. Il-KLM iddeċieda li minkejja l-aħħar ħarġa tal-fuljett ma tqassmitx fir-raħal kollu minn Josef Farrugia, dan xorta jieħu l-ammont sħiħ ta' €75.

17. Is-Sindku qalet illi minkejja li ipparteċipaw tmien artist biss, l-attivita' kulturali Talent Imqabbi kienet xorta waħda sodisfaċenti. Hija rringrazzjathom minn qalbha tal-koperazzjoni sħiħa minn naħa tagħhom. Hija qalet illi jiddispjaċiha minn nuqqas ta' konkorrenza u apprezzament mir-residenti tal-lokal u qalet illi n-nies ma kkonkorrewx mhux għax ma kienux jafu, iżda għax ma kienx hemm ikel u xorb x'jixtru. Charlene Zammit irringrazzjat ukoll lill-Kappillan lil Viċi Sindku, lill-kunsillieri u lis-SE. Kien hemm suġġeriment illi attivita' simili darb'oħra tinżamm fejn il-katakombi tal-Imqabba li

għandhom ikunu miftuħin u l-KLM jitlob donazzjoni minima ta' Eur2 biex tmur direttament għall-gwardjan ta' *Heritage Malta* sabiex tiffinanzja l-paga tiegħu.

**Komunikazzjoni mis-Sindku:**

18. Is-Sindku qalet li għandha talba minn individwu sabiex jibda jieħu ħsieb il-kabbana fi Ġnien Tfal ir-Raħal. Hija wriet ix-xewqa li toħroġ espressjoni ta' nteress biex il-kiosk tibda' tiġi miftuħa mill-ġdid. Is-SE se jsib il-kundizzjonijiet li kienu ħarġu meta sar l-istess ħaġa diversi snin ilu.

19. Minħabba l-problema ta' tfal jilgħabu fit-teatru griek fi Ġnien Tfal ir-Raħal, liema teatru intuża darba biss minn każin politiku minn kemm ilu li ġie kostruwit, il-KLM iddeċieda illi jagħmel żewġ qsari kbar fih jew inkella xi logħob ta' *outdoor gym.*

20. Is-Sindku qalet illi kellha laqgħa mal-kumpanija *Green Mt* li hija kompetitur ma' *Green Pak* li infurmaha illi minn informazzjoni li għandu mill-minuti tal-laqgħat tal-kunsill jirriżulta illi l-kuntratt li għandu l-KLM ma' *Green Pak* huwa magħluq. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex jikkonferma li dan hu skadut u f'każ li hu minnu noħorġu l-*expression of interest*. Hija qalet li s-Sur Joe Attard qalilha illi kemm-il darba l-kumpanija tiegħu tieħu l-kuntratt, jintrabat illi l-kontenituri tal-BIS jibdew jitbattlu aktar spiss u possibilment kull jum u ma jkunx hemm għalfejn isiru kontenituri kbar bħal ma hemm fi Triq Hal Kirkop. Charlene Zammit qalet illi s-Sur Attard qal ukoll illi jkun hemm aktar maniġjar tal-iskema tal-ġbir tal-ħġieġ u jitqassmu wkoll il-boroż b'xejn lir-residenti.

21. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex il-ħaddiema tal-KLM iduru l-imirja kollha tal-Imqabba u jimsħuhom kollha. Charlene Zammit saħqet li kulħadd għandu jagħmel dawk tal-*area* tiegħu.

22. Grace Marie Mallia staqsiet lis-SE jekk kienx daħal xi lment li fi Triq Valletta, xi ħadd għolla ċ-ċint. Is-SE qal li dan iċ-ċint kienu joqgħodu bil-qiegħda fuqu, u l-użu tiegħu hu propju li ma jaqa' ħadd għal isfel. Minn tagħrif li għandna dan għola daqs kemm hu għoli ċ-ċint li l-KLM waqqaf fl-istess zona f'sit li qed jinbena kollu *garages* taħt it-triq.

23. Charlene Zammit semmiet l-ilment ta' Ms Adriana Mifsud fi Triq Mikelanġ Sapiano fejn għandha l-ilma ħiereġ barra fil-parapett. Hija talbet lill-Kylie Fenech tibda' taghmel *follow up* tal-ilmenti, anke dawk mhux statutorji jigifieri li jaqgħu taħt xi entita' oħra.

24. Paul Spiteri talab lis-SE sabiex javza lill-ELC ħalli ssir iż-żabra ta' siġar f'art privata li ddendlu għal fuq Triq il-Konvoj ta' Santa Marija propju viċin il-gym. Din iż-żabra triq issir bit-*tower ladder.* Charlene Zammit qalet illi propju f'din iż-żona xi residenti talbu li jsir *residential parking*. Intant, il-KLM qabel li ma jarax lok li jsir *residential parking* fl-Imqabba.

25. Sar suġġeriment sabiex fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija bejn Triq Karmenu Ciantar u Triq Valletta jsiru għall-ewwel darba l-*parking bays.*

26. Il-ħlasijiet pendenti mal-periti, ma ġewx approvati kemm dak tal-Perit William Lewis u lanqas dak ta' Anthony Bezzina. Tal-ewwel minħabba xogħol li jrid jagħti b'xejn u tal-aħħar minħabba d-diffikulta' ta' *double invoicing*. Charlene Zammit qalet illi għad-diżinn tad-*Day Centre* u tal-ġibjun mhux suppost joħroġ il-pagament filwaqt li għal dak tal-*compliance* ta' ġnien Onġi Onġella għandu joħroġ l-ammont sħiħ.

27. Dwar xogħol ta' kostruzzjoni ta' bankini, minkejja li bagħatna diversi *reminders* sabiex il-

kuntrattur tagħna jagħtina stima, dan baqa' ma bagħtilniex. F'każ illi se nibqgħu hekk, il-KLM għandu jikkunsidra illi joħroġ l-offerta pubblika mill-ġdid.

28. Kien deċiż illi l-laqgħa li jmiss tal-KLM issir nhar it-18 ta' Mejju fis-6.00pm.

29. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti u se naraw jekk hemmx għalfejn jiddaħħlu fl-insurance ħaddiema tal-*Employment Foundation* u *l-RSS*. Dwar l-uniformijiet ta' Valerie Galea u ta' Kylie Fenech, kien hemm diskussjoni u ntqal illi l-ammont ta' *blouses* għandu jinżel għal ħamsa għaliex dawn ma jaħdmux is-Sibt.

30. Il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm.

Maghmula minn Anthony Bonello u approvati llum 18.5.16 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku